

Ir-Regolament propost dwar l-emendi għar-Regolamenti dwar is-sikurezza ambjentali għall-vapuri u l-unitajiet mobbli lil hinn mill-kosta

Stabbilit mill-Awtorità Marittima Norveġiża nhar 11 ta' Xahar ssss skont l-Att Nru 9 tas-16 ta' Frar 2007 dwar is-Sikurezza u s-Sigurtà tal-Vapuri (l-Att dwar is-Sikurezza u s-Sigurtà tal-Vapuri), it-taqsimiet 2, 3, 6, 13, 31, 32, 33, 34, 35, 37, 38, 41, 43 u 44, ara d-Delegazzjoni Formali Nru 171 tas-16 ta' Frar 2007, id-Delegazzjoni Formali Nru 590 tal-31 ta' Mejju 2007 u d-Delegazzjoni Formali Nru 849 tad-29 ta' Ġunju 2007.

I

Ir-Regolamenti Nru 488 tat-30 ta' Mejju 2021 dwar is-sikurezza ambjentali għall-vapuri u l-unitajiet mobbli lil hinn mill-kosta huma emendati kif ġej:

It-taqsimi 12b il-ġdida għandha taqra:

Taqsimi 12b. Regoli speċjali dwar l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) u tal-metan (CH₄) minn vapuri tal-passiġġieri fil-fjords tal-patrimonju dinji

Fil-fjords tal-patrimonju dinji, il-vapuri tal-passiġġieri għandhom jużaw sorsi ta' enerġija li ma jarmux direttament id-diossidu tal-karbonju (CO₂) jew il-metan (CH₄). Meta jintużaw l-idroġenu u l-ammonijaka, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fl-Anness 2. Il-vapur għandu jkollu dokumenti abbord li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti.

Il-fjuwils li jipproduċu emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra jistgħu jintużaw sal-punt meħtieġ biex iqabbd u s-sorsi ta' enerġija msemmija fl-ewwel paragrafu.

Jekk l-ossidu nitruż (N₂O) jiġi fformata meta jintużaw is-sorsi ta' enerġija msemmija fl-ewwel paragrafu, il-bastiment għandu juża l-aħjar teknoloġija disponibbli biex inaqqas l-emissjonijiet.

Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-vapuri tal-passiġġieri b'tunnellaġġ gross ta' 10,000 jew aktar jistgħu jużaw il-bijogass bħala sors ta' enerġija bħala alternattiva għar-rekwiżit ta' l-ewwel paragrafu. Il-bijogass għandu jkun magħmul minn materja prima kif imsemmi fir-Regolamenti dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ u l-użu ta' sustanzi kimiċi u prodotti oħra perikolużi għas-saħħa u l-ambjent (Regolamenti dwar il-Prodotti), il-Kapitolu 3, l-Anness V, il-Parti A. [Il-bijogass għandu jissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà, it-tnaqqis tal-gassijiet serra u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni stabbiliti fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli (2018/2001/UE).]

Il-bijogass għandu jimtela fi żmien xahar mid-dħul fil-fjords tal-patrimonju dinji. L-ammont ta' bijogass għandu jikkorrispondi għall-kwantità ta' enerġija meħtieġa fil-fjords tal-patrimonju dinji. Sakemm il-bijogass jimtela, dan għandu jinħażen separatament mill-fjuwils fossili. Il-vapur għandu jkollu dokumenti abbord li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti.

Fil-fjords tal-patrimonju dinji, il-vapuri tal-passiġġieri għandhom jużaw l-enerġija fuq l-art fejn disponibbli.

II

L-ewwel sentenza tat-Taqsima 14f għandha taqra:

L-Awtorità Marittima Norveġiża tista' fuq applikazzjoni bil-miktub tagħti eżenzjoni mir-rekwiżiti tat-taqsimiet 10a, 12b, 14b u 14c għall-bastimenti li huma protetti jew li ngħataw l-istatus ta' bastiment storiku mid-Direttorat għall-Patrimonju Kulturali.

III

Dan ir-Regolament jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Annex 2 — Kriterji għall-idroġenu u l-ammonijaka

3.10. Manifattura tal-idroġenu

Deskrizzjoni tal-attività

Il-manifattura tal-idroġenu u tal-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu.

Kriterji tekniċi tal-iskrinjar

Kontribuzzjoni sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima	
<p>L-attività tikkonforma mar-rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 73.4 % għall-idroġenu [li jirriżulta f'emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' inqas minn 3tCO₂e/tH₂] u ta' 70 % għall-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu meta mqabbla ma' parametru referenzju tal-fjuwils fossili ta' 94 g CO₂e/MJ b'analoġija mal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 25(2) u fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001.</p> <p>L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkulat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, inkella, bl-użu tal-ISO 14067:2018 ⁽¹¹⁹⁾ jew ISO 14064-1:2018 ⁽¹²⁰⁾.</p> <p>L-iffrankar kwantifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi vverifikat skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 fejn applikabbli, jew minn parti terza indipendenti.</p> <p>Fejn is-CO₂ li kieku jiġi rilaxxat mill-proċess tal-manifattura jinqabad għall-fini ta' ħżin taħt l-art, is-CO₂ jiġi ttrasportat u maħżun taħt l-art, f'konformità mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti fit-Taqsimiet 5.11 u 5.12, rispettivament, ta' dan l-Anness.</p>	
La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")	
(2) Adattament għat-tibdil fil-klima	L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness.
(3) Użu sostenibbli u protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar	L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.
(4)Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari	Mhux applikabbli
(5) Prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis	<p>L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.</p> <p>L-emissjonijiet huma fi ħdan jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-meded tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), inklużi:</p> <p>(a) il-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-produzzjoni tal-kloralkali ⁽¹²¹⁾ u l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għal sistemi komuni ta' trattament/ġestjoni tal-ilma mormi u tal-gass ta' skart fis-settur tal-kimika ⁽¹²²⁾;</p> <p>(b) il-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għar-</p>

	<p>raffinar taż-żejt minerali u l-gass (123).</p> <p>Ma jseħħu l-ebda effetti transmedjali sinifikanti.</p>
(6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi	L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.

Appendiċi A

Appendiċi A

KRITERJI ĠENERIĊI GĦAD-DNSH GĦALL-ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

I. Kriterji

Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma materjali għall-attività ġew identifikati minn dawk elenkati fit-tabella fit-Taqsima II ta' dan l-Appendiċi billi titwettaq valutazzjoni robusta tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà bil-passi li ġejjin:

- (a) l-iskrinjar tal-attività biex jiġi identifikat liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fit-Taqsima II ta' dan l-Appendiċi jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika matul il-ħajja mistennija tagħha;
- (b) meta l-attività tiġi vvalutata li tkun f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fit-Taqsima II ta' dan l-Appendiċi, valutazzjoni tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà biex tiġi vvalutata l-materjalità tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;
- (c) valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.

Il-valutazzjoni tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà hija proporzjonata mal-iskala tal-attività u l-ħajja mistennija tagħha, b'tali mod li:

- (a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' inqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-inqas bl-użu ta' projezzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala xierqa;
- (b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu tal-projezzjonijiet klimatiċi l-aktar avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli, fil-firxa eżistenti ta' xenarji futuri (1) konsistenti mal-ħajja mistennija tal-attività, inklużi, mill-

inqas, xenarji ta' projezzjonijiet klimatiċi minn 10 sa 30 sena għal investimenti kbar.

Il-projezzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u l-gwida disponibbli u jqisu l-aktar xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti l-aktar reċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (2), pubblikazzjonijiet xjentifiċi evalwati mill-pari, u mudelli b'sors miftuħ (3) jew bi ħlas.

Għal attivitajiet eżistenti u attivitajiet ġodda li jużaw assi fiżiċi eżistenti, l-operatur ekonomiku jimplimenta soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament"), fuq perjodu ta' żmien sa ħames snin, li jnaqqsu l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi identifikati importanti li huma materjali għal dik l-attività. Għaldaqstant, jiffassal pjan ta' adattament għall-implimentazzjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet.

Għal attivitajiet ġodda u attivitajiet eżistenti li jużaw assi fiżiċi li għadhom kif inbnew, l-operatur ekonomiku jintegra s-soluzzjonijiet ta' adattament li jnaqqsu r-riskji klimatiċi fiżiċi identifikati l-aktar importanti li huma materjali għal dik l-attività fiż-żmien tad-disinn u l-konstruzzjoni u jimplimentahom qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.

Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati ma jaffettwawx b'mod negattiv l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji klimatiċi fiżiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-patrimonju kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra; huma konsistenti mal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali; u jikkunsidraw l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (4) jew jiddependu fuq infrastruttura blu jew ekoloġika (5) sa fejn ikun possibbli.

II. Klassifikazzjoni tal-perikli relatati mal-klima (6)

	Relatati mat-temperatura	Relatati mar-riħ	Relatati mal-ilma	Relatata mal-
Kroniċi	Tibdil fit-temperatura (l-arja, l-ilma ħelu, l-ilma baħar)	Tibdil fix-xejriet tar-riħ	Tibdil fix-xejriet u t-tipi ta' preċipitazzjoni (xita, silġ, borra/ġlata)	Erożjoni tal-kosta
	Stress mis-sħana		Varjabbiltà fil-preċipitazzjoni jew idroloġika	Degradazzjoni tal-ħamrija
	Varjabbiltà fit-temperatura		Aċidifikazzjoni tal-oċeani	Erożjoni tal-ħamrija
	Tidwib tal-permafrost		Intrużjoni tal-melħ	Soliflussjoni
			Żieda fil-livell tal-baħar	
			Stress idriku	
Akuti	Mewġa ta' sħana	Ċiklun, uragan, tifun	Nixfa	Valanga
	Mewġa ta' kesħa/ġlata	Maltempata	Preċipitazzjoni	Uqigħ tal-

	(inklużi tas-silġ, tat-trab u tax-xita tal-ħamrija)	qawwija (xita, silġ, borra/ġlata)	art
Nirien fil-foresti	Tromba	Għargħar (kostali, fluvjali, pluvjali, ilma ta' taħt l-art)	Ċediment
		Kollass ta' lagi glaċjali	

(1) Ix-xenarji futuri jinkludu l-perkorsi ta' konċentrazzjoni rappreżentattivi tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima RCP2.6, RCP4.5, RCP6.0 u RCP8.5.

(2) Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà, ippublikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti għall-valutazzjoni tax-xjenza relatata mal-produzzjoni tat-tibdil fil-klima, <https://www.ipcc.ch/reports/>.

(3) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

(4) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ddefiniti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Soluzzjonijiet bħal dawn iġibu aktar karatteristiċi u proċessi naturali u naturali, u aktar diversi, fil-bliet, fil-pajsaġġi u fil-pajsaġġi tal-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sistemiċi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi tal-ekosistema. (verżjoni tal-4.6.2021: <https://ec.europa.eu/research/environment/index.cfm?pg=nbs>).

(5) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa (COM/2013/0249 final).

(6) Il-lista ta' perikli relatati mal-klima f'din it-tabella mhijiex eżawrjenti, u tikkostitwixxi biss lista indikattiva tal-aktar perikli mifruxa li għandhom jitqiesu bħala minimu fil-valutazzjoni tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà.

Appendiċi B

KRITERJI ĠENERIĊI GĦAD-DNSH GĦALL-UŻU SOSTENIBBLI U L-PROTEZZJONI TAR-RIŻORSI TAL-ILMA U TAL-BAĦAR

Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-evitar tal-istress fuq l-ilma huma identifikati u indirizzati bl-għan li jinkiseb status tajjeb tal-ilma u potenzjal ekoloġiku tajjeb kif definit fil-punti (22) u (23) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/852, f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(1\)](#) u pjan ta' ġestjoni tal-użu u l-protezzjoni tal-ilma, żviluppat taħtu għall-korp jew korpi tal-ilma potenzjalment affettwati, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Fejn titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(2\)](#) u din tkun tinkludi valutazzjoni tal-impatt fuq l-ilma f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni addizzjonali tal-impatt fuq l-ilma, sakemm ir-riskji identifikati jkunu ġew indirizzati.

(1) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Għall-attivitajiet f'pajjiżi terzi, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli jew mal-istandards internazzjonali li jsegwu objettivi ekwivalenti ta' status tajjeb tal-ilma u potenzjal ekoloġiku tajjeb, permezz ta' regoli proċedurali u sostantivi ekwivalenti, jiġifieri pjan ta' ġestjoni tal-użu u l-protezzjoni tal-ilma żviluppat b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti li jiżgura li 1) l-impatt tal-attivitajiet fuq l-istatus identifikat jew il-potenzjal ekoloġiku ta' korp jew korpi tal-ilma potenzjalment affettwati jiġi vvalutat u 2) jiġi evitat id-deterjorament jew il-prevenzjoni ta' status/potenzjal ekoloġiku tajjeb jew, fejn dan ma jkunx possibbli, 3) iġġustifikat min-nuqqas ta' alternattivi ambjentali aħjar li ma jiswewx b'mod sproporzjonat/teknikament mhux fattibbli, u jittieħdu l-passi kollha prattikabbli biex jittaffa l-impatt negattiv fuq l-istatus tal-korp tal-ilma.

(2) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

Appendiċi C

KRITERJI ĠENERIĊI GĦAD-DNSH GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAT-TNIĠĠIS FIR-RIGWARD TAL-UŻU U L-PREŻENZA TA' SUSTANZI KIMIĊI

L-attività ma twassalx għall-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta':

- (a) sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, elenkati fl-Annessi I jew II tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(1\)](#) ħlief fil-każ ta' sustanzi preżenti bħala kontaminant traċċa mhux intenzjonat;
- (b) merkurju u komposti tal-merkurju, it-taħlitiet tagħhom u l-prodotti bil-merkurju miżjud kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(2\)](#);
- (c) sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlita jew f'oġġetti, elenkati fl-Annessi I jew II tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(3\)](#);
- (d) sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(4\)](#), ħlief fejn ikun hemm konformità sħiħa mal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva;
- (e) sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [\(5\)](#), ħlief fejn ikun hemm konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet speċifikati f'dak l-Anness;
- (f) sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) 1907/2006 u identifikati skont l-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament, ħlief fejn l-użu tagħhom ġie ppruvat li huwa essenzjali għas-soċjetà;
- (g) sustanzi oħra, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) 1907/2006, ħlief fejn l-użu tagħhom ġie ppruvat li huwa essenzjali għas-soċjetà.

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti ([ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45](#)).

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 ([ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1](#)).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ([ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1](#)).

(4) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku. ([OJ L 174, 1.7.2011, p. 88](#)).

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE)

Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni. ([OJ L 396, 30.12.2006, p. 1](#)).